MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 4/2006

**Andrew Cassar u Anna Lombardi Cassar**

**vs**

**Victor Mercieca - Mercieca Furnishings Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Jannar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Awissu 2005 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti diversi nuqqasijiet fil-kamra tas-sodda li kienu ordnaw minghand id-ditta ntimata.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduti.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienu xtraw kamra tas-sodda tal-pine ghall-prezz ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) minghand l-intimat u wara ftit nnutaw diversi nuqqasijiet fosthom fl-injam tal-bibien tal-gwardarobba, kantuniera taz-zewg komodini u ohrajn.

2. L-intimat issottometta li dan huwa rizultat ta' l-umdita` li hemm fil-kamra u ghalhekk mhux responsabbli ghad-danni pero ghamel minn kollox sabiex jipprova jsewwi.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet u spezzjona r-ritratti u ra r-rapport tal-Perit, ra li ma jippretendix li ghandhom jigru dawn l-affarijiet.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' it-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) bl-ispejjez kontra l-istess intimat u b' dan illi l-ghamara tibqa' kollha proprjeta` tar-Rikorrenti."

Bl-appell minnu interpost il-konvenut *nomine* jikkontendi li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali:-

(a) billi naqas li jikkunsidra l-eccezzjoni tieghu li r-rimedju mitlub ma kienx wiehed kontemplat mil-ligi;
(b) ankorke t-talba kellha titqies wahda redibitorja t-Tribunal ma setax jibdel l-azzjoni f' wahda estimatorja;
(c) injora l-fatt oggettiv li l-ghamara inzammet f' livell ta' umdita` eccedenti dak ikkonsentit;

(d) il-motivazzjoni tas-sentenza ma kienx konformi ma’ dak prefiss mil-ligi fl-Artikolu 23 (2) (d) ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994;

Jinhass xieraq illi qabel ma din il-Qorti tinoltra ruhha fl-ezami ta’ l-ilmenti sollevati mill-konvenut *nomine* illi tippuntwalizza li biex ikun radikat l-appell devolut lilha minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi jrid jigi muri illi t-Tribunal mar kontra d-detami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b’ mod gravi l-jeddijiet ta’ min jappella [Artikolu 22 (2)];

Il-problema ermenewtika fundamentali ta’ din in-norma tal-Kapitolu 378 titwieled mid-diffikulta tal-limitazzjoni inerenti fil-principju tal-gustizzja naturali. Skond in-nozzjoni tradizzjonali maghrufa l-principju jinvolvi r-regoli ta’ l-imparzjalita` u tas-smigh xieraq fejn f’ ta’ l-ahhar hu mistenni li l-partijiet in kawza jkunu nghataw l-opportunita` li jipproducu l-provi kollha rilevanti ghal kawza in sostenn tat-talba jew ta’ l-eccezzjonijiet ghaliha. Jitnissel minn dan illi l-vjolazzjoni tal-principju ghandha rabta strettament procedurali u mhux sostanzjali. Ara f’ dan is-sens “**Charles Sultana *et* -vs- A. C. K. Ltd**” Appell, 27 ta’ Ottubru 2000;

Kif taraha din il-Qorti fil-kwestjonijiet insorti quddiem dan it-Tribunal specjali dik l-istess nozzjoni necessarjament tinvolvi, fl-ampjezza taghha, indagini dwar lanjanzi ta’ ksur tal-gustizzja sostantiva u tad-dritt ekwitativ. Ghodod dawn procedurali affidati mil-legislatur lit-Tribunal ghad-decizjoni tal-kwestjonijiet quddiemu [Artikolu 21 (1)]. Jikkonsegwi minn dan illi din il-Qorti jokkorilha tistharreg l-ilmenti lilha devoluti mill-appellanti taht dan il-profil;

Fil-hsieb tal-Qorti, gudizzju skond l-ekwita` u l-gustizzja sostantiva jippresupponi illi l-Arbitru hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza tan-normi tad-dritt u hu anzi fakoltizzat li jirrikorri ghal certi principji intwittivi tal-

prudenza li tidher hekk konsentita u ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontroversja. Haga naturali, hu dejjem mistenni li dan il-principju jigi mhares u applikat fil-konfini tal-fattispeci konkreti tal-kaz. Isegwi illi ghal fini ta' l-accertament jekk id-decizjoni *de quo* gietx moghtija skond l-ekwita` u l-gustizzja sostanzjali jinkombi fuq din il-Qorti li tipperkorri l-*iter* logiku-guridiku tad-decizjoni fl-ambitu tal-fatti attendibbli;

Huwa evidenti minn ezami taghha illi s-sentenza ma hijiex il-konsegwenza diretta ta' applikazzjoni ta' norma guridika li tirregola l-materja imma pjuttost minn applikazzjoni ta' kriterji suggeriti lit-Tribunal mic-cirkustanzi tal-kawza. Cirkustanzi dawn ko-involgenti verifika ta' difetti fl-ghamara manifatturata u kkonsenjata u li allura kienet tinvolvi kemm aspetti ta' bejgh kif ukoll ta' *locatio operis*. In bazi ghal dak li ntqal it-Tribunal ma kienx mistenni li japplika, ghar-rizoluzzjoni tal-kontroversja, provvedimenti stretti ta' l-istitut wiehed jew l-iehor. Dan il-ligi specjali bl-Att imsemmi ma tesigihx, kif hekk invece tipprovdi ghal kaz tal-preskrizzjoni billi hawn l-Artikolu 22 (2) tassattivament jistatwixxi illi kwestjoni bhal din "ghandha tinqata' skond il-ligi". Proprju ghaliex id-decizjoni fuq il-mertu hi mahsuba li tkun skond il-gustizzja sostantiva u l-ekwita` l-materja kienet dipendenti fuq l-applikazzjoni tal-kriterju idoneju intiz li jittempra r-rigur tal-principji tal-ligi bl-adozzjoni ta' dik l-esigenza partikulari ta' natura etika-socjali dettata mic-cirkustanzi partikulari tal-kaz. Jigi ghalhekk li c-censura diretta mill-appellanti fil-konfront tat-Tribunal ma tistax tircievi adezjoni;

It-tielet aggravju hu wiehed merament ta' apprezzament ta' fatt u dan, f' dan il-gudizzju, hu wiehed ghal kollox insindakabbli fil-limitazzjonijiet imposti mil-ligi ghal skop ta' appell. Hi invece sindakabbli minn din il-Qorti l-assenza ta' motivazzjoni logika u razzjonali tas-sentenza jew il-vizzju ta' l-istess motivazzjoni;

Huwa ormai indiskuss illi l-kuncett tal-gustizzja naturali ma jfisserx biss smigh xieraq imma jesigi wkoll illi l-partijiet in kawza jinghataw is-sodisfazzjoni minimu tar-raguni li tkun wasslet lill-Arbitru ghad-decizjoni tieghu. Dan anke jekk, kif kontemplat fl-Artikolu 23 (2) (d) "ma ghandux jaghti motivi imtawlin". L-importanti jibqa' dejjem li r-regola bazika tal-gustizzja naturali tkun giet pjenament imharsa bil-mod kif spjegat u llustrat fis-sentenza "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**", Appell, 9 ta' Lulju 1999 ghal liema qed issir semplici riferenza. Fi kliem iehor, anke jekk bl-adoperu ta' l-ekwita` t-Tribunal jibqa' xorta wahda obbligat li jirrendi b' mod li jinftiehem il-procediment logiku-intwittiv minnu segwit ghad-determinazzjoni tal-kaz;

Fil-kaz in ezami r-*ratio decidendi* hi anticipata minn perkors argomentativ li jaghti hjiel tar-ragonament, anke jekk mhux elaborat, adottat mit-Tribunal. Kien biss wara li rriproduca l-veduti ta' naha u ta' ohra, u ezamina r-ritratti u r-rapport tal-perit illi kkonkluda b' mod generiku illi ma kienx jippretendi li kellhom jissucciedu "dawk l-affarijiet". Dan necessarjament in referenza ghad-difetti ikkonstatati. Ghal din il-Qorti, minn kif redatt, ir-ragonament tat-Tribunal f' dan il-kaz hu pjuttost intelligibbli u adegwat, anke jekk mhux approfondit. Konsegwentement ma ssibx illi l-oggezzjoni mqanqla f' dan il-kuntest hi gustifikabbli u qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell devolut lilha, bl-ispejjez a karigu tal-konvenut *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------